MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1820/2004

**CHS Limited**
**vs**
**Pierre-Jacques Feraud u Susie Scalisi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u (Lm754.00), rapprezentanti l-mizata dovuta mill-konvenuti fir-rigward ta' binhom minuri Jenna Feraud ghar-ragunijiet li sejrin jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni.**
**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll illi l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsu l-imghaxijiet legali.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Settembru, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li**

**l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u erbgha u hamsin lira Maltija u (Lm754.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-21 ta’ Settembru, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------